**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Emma Grixti**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emma Grixti ta' 29 sena, bint Joseph Mary Grixti u Mary Bridget Jones, imwielda gewwa l-Pieta' nhar is-26 ta' Frar, 1986 u residenti gewwa fond Orchidea Court, Flat 2, Triq Santa Fawstina, Zurrieq u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 108186(M);

Talli nhar id-29 ta' Dicembru, 2014, ghall-habta tat-8:45 ta' filghaxija, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, sitwata gewwa Pjazza San Pawl, Hamrun:

1) Ingurjat, heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC 301 Warren Vella, persuna nkarigta skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz, jew bil-

hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalet fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew ghamlet atti jew gesti oxxeni, jew offendiet il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliethomx jew fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-4 ta' Frar 2016, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 338(bb) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannaha ghal multa ta' tmien mitt euro (€800).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**